# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 1 ta’ Ġunju, 2023**

**Numru 9**

**Rikors Numru 297/19TA**

**Joanne Darmanin [Karta tal-Identita` Numru 341368(M)] f’isimha propju u għan-nom u in rapprezentanza ta’ Mabel Darmanin, Karta tal-Identita` numru 413932(M)**

**vs**

**Manuel Camenzuli [Karta tal-Identita` Numru 47278(M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Joanne Darmanin (l-bint Attriċi) f’isimha propio u għan-nom u in rappresentanza ta’ Mabel Darmanin (l-Attriċi omm) tat-18 ta’ Marzu 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. “Illi nhar il-25 ta’ Jannar 2016, fi Triq Pacifiku Scicluna, il-Birgu, l-esponenti Mabel Darmanin kienet involuta f’incident tar-traffiku meta l-intimat Emmanuel Camenzuli, li kien qed isuq vettura tal-ghamla FIAT bin-numru ta’ registrazzjoni JQZ 565, irreversja ghal fuq l-esponenti, illi waqghet mal-art fil-mument tal-impatt;

2. Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-intimat Emmanuel Camenzuli, Karta tal-Identita 47278(M);

3. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident stradali, Mabel Darmanin sofreit danni u ghadha qed issofri minn dizabilita' u debilita' permanenti;

4. Illi konsegwenza ta' dan l-incident, Mabel Darmanin, minn mara independent ghal kollox, saret ghal kollox dipendenti fuq it-tifla taghha, Joanne Darmanin, tant li l-istess Joanne Darmanin kellha titlaq mill-impjieg taghha sabiex tkun tista' tiehu hsieb lil ommha;

5. Illi dan wassal sabiex oltre minn Mabel Darmanin, Joanne Darmanin sofriet u qed issofri danni konsegwenza tal-fuq imsemmi incident li sehh unikament tort tal-konvenut Camenzuli;

6. Illi minkejja li l-intimat u s-socjeta' tal-assigurazzjoni tieghu gew debitament interpellati ghal likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kawzati mill-istess Emmanuel Camenzuli, dawn baqghu inadempjendi minkejja xhur twal ta' negozjati bejn il-partijiet;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-atturi umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tghid il-konvenut, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex–

1. Tiddikjara li l-konvenut Emmanuel Camenzuli huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-25 ta' Jannar 2016, gewwa Triq Pacifiku Scicluna, il-Birgu;

2. Tiddikkajra li konsegwenza tal-istess incident, l-atturi sofrew u ghadhom qed isofru danni;

3. Tiddikkjara lil konvenut Camenzuli responsabbli ghad danni sofferti u li qed isofru l-atturi konsegwenza tal-incident indikat fl-ewwel talba;

4. Tillikkiwda okkorrendo permezz ta' periti nominandi id-danni hekk sofferti mill-atturi;

5. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi is-somma hekk likwidata skond ir-raba' talba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' 24 ta' Lulju 2017 kontra l-konvenut u bl-imghaxxijiet dekorribbli skond il-ligi kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Manwel Camenzuli (l-konvenut) tal-5 ta' April 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi, in linea preliminari, ir-rikorrenti Joanne Darmanin, indikata fir-rikors guramentat bhala li qieghda jagixxi ukoll "*ghan-nom u in rappreżentanza ta' Mabel Darmanin*" trid iggib prova tal-mandat taghha; l-esponent jirriserva illi jeccepixxi ulterjorment dwar dan.

2. Illi, di piu', ukoll in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti Joanne Darmanin f'isimha proprju huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent Manuel Camenzuli izda kien unikament bi htija u negligenza da parti tar-rikorrenti Mabel Darmanin stess, hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi jsewgi ghalhekk li t-tieni u t-tielet talba rikorrenti ghandha ukoll tigi rigettata billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti u dan stante li l-esponent Manuel Camenzuli m'ghandu jkun tenut ihallas l-ebda ammont in linea ta' danni, liema danni, *del resto*, jehtiegu li jigu pruvati skond il-ligi.

5. Konsegwentement ir-raba' u l-hames talba rikorrenti ghandhom ukoll jigu michuda billi l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet premessi illi ser jigu ppruvati fil-mori tal-proceduri odjerni.

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjez."

Rat l-atti kollha u dokumenti fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** L-Attriċi Mabel Darmanin, li dak in-nhar tal-inċident kellha 84 sena, kienet involuta f'inċident tat-traffiku fil-25 ta' Jannar 2016 fi Triq Paċifiku Scicluna, il-Birgu. Dan seħħ meta l-konvenut, ħaddiem mal-Posta, kien

qiegħed isuq il-vettura tal-għamla FIAT bin-numru tal-pjanċa JQZ 565. Fil-waqt ki kien qiegħed jirriversja jidher li laqgħat lill-Attriċi. L-Attriċi tgħid li kienet fuq il-bankina mentri l-konvenut jgħid li kienet fit-triq taħt il-bankina.

**2.** Bħal fatt jidher li l-Attriċi l-oħra Joanne Darmanin, bint l-Attriċi l-omm, ħadet lill-Attriċi tgħix magħha f'fond f'Birżebbuġia fejn baqgħet tieħu ħsieb u kura tagħha. Biex tagħmel dan kellha titlaq mix-xogħol tagħha u anke tagħmel xi modifikazzjonijiet fid-dar tagħha minħabba x-xorta ta' diżabilita' li għandha ommha l-Attrici b'konsegwneza tal-inċident.

**3.** Għalhekk l-Atturi qegħdin jitolbu d-danni permezz ta' din il-Kawża.

**Punti legali**

**4.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-azzjoni esperita mill-Atturi hija dik abbażi tal-artikoli 1031u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn iż-żewġ artikoli jiddisponu hekk:

*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Meta persuna titqies li hija fi ħtija*.

u

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

**5.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni għalhekk huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-konvenut, għad-danni li l-Atturi jallegaw li soffrew u qegħdin isoffru danni b'konsegwenza tal-ħsara li huma ġarrbu minħabba dan l-inċident.

**6.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din, jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

**7.** Kif rajna l-art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**8.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "*l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed*

*jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**9.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż u cioe' in-ness kawzali. Din il-prevedibbilta' "*trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili"* (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*."

**10.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1),*

*Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**11.** Fl-aħħar nett fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et kien eluċidat is-segwenti:- " *… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew lgħamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l- 'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*" F'dan is-sens ukoll fis-**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede civili, tas-6 ta' Frar 1928 fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et**, jingħad illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile pei danni fa mestiere che chi reclami l' indennizzo riesca a provare non solo l' atto u l' omissione colposa del denunciato, ma altresi che l' atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall' istanti"*.

**Konsiderazzjonijiet**

**12.** L-ewwel osservazzjoni tal-Qorti tirrigwarda l-kwantita' ta' dokumenti li ġew presentanti li huma duplikati, triplikati jekk mhux ukoll kwadruplikati,

li ftit li xejn kellhom valur probatorju ħlief li ċertament ikkontribwew għad-deforestazzazzjoni tas-siġar.

**13.** F'kawzi bħal dawn tnejn huma l-konsiderazzjonijiet prinċipali li jridu jsiru: tigi stabbilita' r-responsabbilita' tal-inċident u jekk ikun il-każ, li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-vittma tas-sinistru. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed titratta l-kawża f'din is-segwenza.

*Responsabbilita'*

**14.** Provi diretti dwar il-mekkanika tal-inċident huma skarsi għalkemm il-Qorti xorta tista' tasal għall-kawza tal-inċident. L-uniċi żewġ xhieda diretti huma l-konvenut u l-Attrici l-omm. Din l-aħħar ftit li xejn titfa' dawl għalkemm fix-xhieda tagħha.

**15.** L-Attriċi l-omm tixhed hekk:

"*kont miexja fuq il-bankina f'Triq Pacifiku Scicluna , sejra lejn id-dar wara passiggata ta'kuljum u hassejt qiesha waqet gwardarobba fuqi, Laqatni xi hadd bil-van tal-posta waqt li kont miexja fuq il-bankina, Id-daqqa hassejtha fuq wara, Bid-daqqa waqajt u gejt fit-triq, sturdejt u hassejt ugiegh kbir f'saqajja tax-xellug*" (a' fol 100 Emfażi tal-Qorti). Din tal-gwardarobba tissemma' b'emfażi partikulari partikularment fix-xhieda tal-Attriċi bint.

**16.** Din tal-aħħar Joanne Darmanin għalkemm ma kienitx presenti għall-inċident tixhed **Joanne Dramanin** tixhed li "*Kif rani x-xufier minnufih qalli li ma kienx ra lil mummy waqt li kien qieghed jirriversja bil-van tal-posta biex idawwar u li ma kienx laqaghtha apposta."* (a' fol 103). Il-Pulizija **PS 583 Grech** jgħid li l-konvenut "…..*qalli li kien qieghed jirriversja meta bdiet iddoqq ir-reverse sensor u dak il-hin ghafas l-break. U f'mument hass li xi hadd qisu serrah mal-vettura, U kif hareg mill-vettura ra mara li kienet mal-art. Min naha tieghi fuq il-post ma rajt ebda hsarat mal-vann*" (a' fol 478 tergo). Tajjeb ukoll jingħad li l-Pulizija **PS 583 Grech** b'referenza għal dak li qallu l-konvenut jixhed li: "….. *qalli li kien qieghed jirriversja m bdiet idoqq ir-reverse sensor u dak il-hin ghafas l-break. U f'mument hass li xi hadd qisu serrah mal-vettura. U kif hareg mill-vettura ra mara li kienet mal-art. Min naha tieghi fuq il-post ma rajt ebda hsarat mal-vann*" (a' fol 478 tergo). F'dan ir-rigward irid jingħad, li l-konvenut ma kienx qed isuq b'xi velocita' u ġiet impattata ebda ħsara lill-vettura għaliex il-gravita' tal-inċident huwa mal-persuna milquta li hija pjottost vulnerabbli għall-ġrieħi li kieku kienet involuta persuna izgħar fl-eta' x'aktarx ma kienitx iġġarrabhom.

**17.** L-Attur jixhed li "*Nghid ukoll illi dan il-vann huwa mghammar b'parking sensors. Peress illi t-triq hija dejqa, dawn bdew idoqqu. Jiena komplejt inhares fil-mirja u nimxi lura bil-mod hafna. Ma nikkalkulax li rsaqt lura aktar minn erbgha' metri meta s-sensors f'daqqa wahda, bdew idoqqu b'mod kostanti. Jiena waqaft il-vettura mill-ewwel u minnufih*

*smajt hoss fuq wara tal-vann…..Jiena naturalment hrigt mill-vann sabiex nara x'kien gara u sibt mara anzjana li kienet mal-art fit-triq fuq wara tal-vann, bejn in-nofs tal-vann u l-gemb lemini tieghu. Ma' genb l-anzjana rajt li kienu waqghulha c-cwievet, il-bastun kif ukoll nuccali tax-xemx …….. Hi spjegatli (bil-mod taghha) illi kienet miexja fuq il-bankina, b' idejha mmarkatli lejn l-isprall illi jidher fir-ritratt tal-istess ghatba u li, minhabba dan l-isprall kienet nizlet mill-bankina. Dan sabiex tevita l-isprall.*" (a' fol 616 C). Dan ix-xhud jgħid li dak il-ħin ġew xi qraba tal-Attriċi omm.

**18.** Tajjeb li jingħad li l-Attriċi bint ukoll tgħid li irċeviet telefonata minn waħda mill-ġirien li kienet għaddejja u rat lil ommha mal-art. Tgħid ukoll li ċemplet lil zitha li tiġi oħt ommha li toqgħod il-Birgu u qaltilha tmur ħdejha sakemm tasal hi (a' fol 103). Din il-parti tax-xhieda tal-Attriċi bint, għandha rilevanza peress li l-konvenut fl-affidavit tiegħu ukoll isemmi dan il-fatt u li dawn il-persuni bdew iċanfru lill-Attriċi omm, għaliex kemm-il darba kienu jwissuha li tuża l-bankina u kien hawn li reġgħet irrepetitilhom il-kwistjoni tal-isprall (a' fol 6161C). Dan l-isprall jidher f'wieħed mir-ritratti esebiti (a' fol 197).

**19.** Għalkemm dawn il-persuni jissemmew, ħadd minnhom ma tressaq bħala xhud. Ix-xhieda tagħhom forsi kienet titfa' aktar dawl fuq l-inċident. Fil-lista tax-xhieda tal-Attriċi l-ġirien indikati, filwaqt f'dik tal-konvenut jissemmew persuni oħra li kienu presenti fuq is-sit in inkwistjoni meta

seħħ l-inċident de quo. B'dan kollu ħadd minnhom ma tressaq biex jixhed. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-i*spot of impact* fejn seħħ dan l-inċident seħħ fejn jidher fl-iskizz imħejji mill-pulizija (a' fol 9 u 187).

**20.** Għalhekk il-Qorti tikkonkludi dan li ġej. L-inċident ma seħħx fuq il-bankina imma taħt il-bankina. Anke l-istess Attrici omm tgħid li waqgħet fit-triq. Il-Qorti tagħti piż dak li xehed il-konvenut li l-Attriċi omm għalkemm veru f' xi ħin kienet fuq il-bankina niżlet għal mument biex tevita l-isprall u seħħ l-inċident taħt il-bankina. B'dana kollu dan ma jeżentax lill-konvenut mill-ħtija kollha għall-inċident għaliex kien qiegħed jirriversja u kien qiegħed jagħmel manuvra straordinarja u meta sema' s-sensors messu ma baqax isuq. Ma kellux għalfejn jistenna li jintensifika l-ħoss tas-sensors biex jirrejalizza li kien hemm xi ħadd warajh. L-anqas ma jagħmel sens, meta jgħid li hekk kif waqaf ħass xi ħaġa fuq wara. Kieku dan kien minnu ifisser li kienet l-Attriċi l-omm li daħlet fih u mhux hu fiha. Il-Qorti tikkonkludi li waqaf wara li ħass il-ħoss fuq wara u mhux qabel.

**21.** Għalhekk din il-Qorti tħoss li kien nuqqas ta' **proper look out** taż-żewġ partijiet. Id-dmir *to take care* huma kemm tas-sewwieq u kif ukoll tal-*pedestrian* partikularment meta dan tal-ahhar jagħmel manuvra insolita u inaspettata. Is-sewwieq f'dan il-każ ħa riskji minħabba esiġenzi tax-xogħol (ara affidavit fejn jispjega għala għamel il-manuvra). Għalhekk l-obbligu ta' *proper look out* kien aktar aċċentwat. Ingħad li "*Keeping a proper look*

*out means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* (**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd. [1968]**).

**22.** Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni li tgħid x'tgħid l-Attriċi bint, li ommha qabel l-inċident ommha kienet tajba, jibqa' l-fatt li kienet mara ta' 84 sena bi preċedenti ta' ksur ta' għadam f'dawk il-partijiet ta' ġisimha qrib dawk li issubiet fl-inċident. Aktar minn hekk il-vittma kellha ukoll il-kundizzjoni tal-Paget's disease (ara a' fol 371 u 606). F'terminolgija medika tfisser "*A chronic disease of the skeleton. In healthy bone, a process called remodelling removes old pieces of bone and replaces them them with new fresh bone' Paget's disease causes this process to shift out of balance, resulting in new bone that is abnormally shaped. Weak and brittle"*.

**23.** Dan ifisser, li fil-każ tal-Attriċi omm, il-kawtela għandha tkun akbar, għaliex mal-iċken inċident ikollha mill-ewwel ksur fl-għadam, fejn f'sitwazzjonijiet simili, persuni li ma għandhomx din il-kundizzjoni ma humiex daqstant vulnerabbli. Tghid x'tgħid l-Attriċi l-oħra, din il-Qorti hija konvinta, li ommha ma kienitx ta' waħedha biex toħrog u taqsam it-toroq. Xorta kien hemm bżonn li jkun hemm xi ħadd magħha. Li kellha problema biex timxi jixhdu l-bastun li kien hemm mal-art ħdejha meta

seħħ l-incident, għalkemm tul il-Kawża l-Attriċi bint ma tagħmel ebda referenza għal dan.

**24.** Aktar minn hekk il-Qorti hija preokkupata b'nota li sabet fl-istorja medika tal-Attriċi omm li tgħid hekk:

"*The relatives absolutely don't want to carry out surgery under GA and prefer not doing anything if regional is not a possibility. Patient was previously independent and if she does'nt carry out the surgery <u>her functionality will be greatly reduced</u>. This was explained to both relatives and patient"* (a' fol 521 tergo).

**25.** L-Attriċi bint tispjega li meta darba ommha ingħatat il-loppju, ma kien għamillha tajjeb xejn. Fl-affidavit tagħha l-Attriċi Joanne Darmanin tgħid li dan il-fatt spjegatu lit-tobba. Waslet għall-konkluzżjoni li l-operazzjoni kienet ser tkun ta' riskju kbir għal ommha meta n-nota fuq imsemmija tal-esperti kienet tgħid mod ieħor (a' fol 104). Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti tgħid li kien ikun aħjar li ħadu parir mediku fuq din il-kwistjoni. Mill-istorja medika, minn imkien ma jirrisulta li t-tobba kienu nfurmati b'dan.

**26.** Il-Qorti għalhekk tħoss li f'ċirkostanzi simili għandha tapplika dak li jiddisponi l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili:

*"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb <u>ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara</u>,il-qorti, fil-likwidazzjoni*

*tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni".*

**27.** Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għall-ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (qasmet f'daqqa). (Ara **Sentenza tal-Prim Awla ta'-20 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa**). F'dan ir-rigward huwa ta' interess li l-awturi anke jagħmlu referenza għal konkors ta' responsabbilita':

"*Se il fatto colposo del creditore ha concorso a cagionare il-danno, il risarcimento e' diminuito secondo la gravita' della colpa e l'entita' delle consegwenze che ne sono derivate*. (Ara **G. Pescatore u C.Ruperto, Codice Civile Annotato , Giuffre Ed. Ed. 1978 , pg 1149**)

**28.** Wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti bid-diskrezzjoni lilha mogħtija bl-artikolu tal-liġi fuq imsemmi qegħda

tistabilixxi r-responsabbilita' għall-inċident kwantu għal sittin fil-mija (60%) tal-konvenut u erbghin fil-mija (40%) l-oħra tal-Attriċi omm.

*<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>*

**29.** Kif jistabilixxi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili *l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija <u>t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara</u>, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, <u>u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem</u>, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib*".

**30.** Għalhekk id-danni dejjem ġew klassikament klassifikati f'dawk li huma *damnum emergens*, jiħifieri telf attwali u effettiv u *lucrum cessans*, iġifieri telf fil-futur. Pero;' din il-Kawża tirrapresenta xenarju mhux daqstant kommuni. Il-vittma fil-mument tal-inċident u din il-kawża qegħdha issir ukoll mill-qarib tagħha, bintha l-Attriċi Joanne Darmanin, għal telf li għamlet u kura li qed tagħti lil ommha l-Attriċi. Għalhekk ikun utli li l-ewwel jiġu trattati separatament għalkemm konnessi u dan ai fini ta' kjarezza.

*Id-danni tal-Attriċi l-omm*

**31.** Kif diġa' rilevat, fil-mument tal-inċident din kellha 84. Sa fejn jirrigwarda lil din l-Attriċi, indipendentement minn kemm għandha eta', id-

*damnum emergens* ma hux affettwat għaliex dan huwa telf attwali u effettiv. Sar u jrid jitħallas. Fejn il-Qorti ser tirriskontra problema hija fil-każ tal-*lucrum cessans* u cioe' telf futur fid-dawl tal-eta' pjuttost avvanzata tal-Attriċi l-omm fil-mument tal-inċident. Għalhekk il-Qorti f'dan l-istadju ser tillimita ruħha għad-*damnum emergens* peress li dan irid jitħallas dejjem.

**32.** Dan jikkonsisti principalment fi kwantita kbira ta' riċevuti inkonnessjoni ma' medicini u kura li ħadet l-Attriċi omm. Dawn id-dokumenti ġew esebiti l-ewwel darba mal-affidavit tal-Attriċi Joanne Darmanin (Ara minn a' fol 117 sa 157). Fil-kors tal-Kawża ġew esebiti diversi drabi oħra.

**33.** Wara li eżaminat b'diffikulta' dawn ir-riċevuti, din il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' tlett elef sebgħa mija erbgħa u disgħin punt sitta u disgħin ewro (€3794.96) bħala spejjes magħmula għall-kura u mediċina, li jirrapresentaw it-telf effettiv. Intqal li *"An allowance may be given for the cost of specially adapting a house to the needs of an invalid. The claimant can recover all costs of adaptations including for example, installing ramps, stair lifts and grab rails, adapting kitchen, bathroom and lavatories and resetting electrical sockets"* (**Ara Moriarty -vs- McCarthy[1978] 2, All ER [1978] 1 WLR 155, QBD**).

**34.** Għalhekk din il-Qorti tħoss, li għalkemm għadhom ma intefqux, huwa manifestament ċar li l-Attriċi, tant minħabba li l-inċident seħħ f'eta' li

hija mprobabbli li tista' tfieq sal-punt li ma jkollhiex bżonn għajnuna u tant ukoll, għaliex ser ikollha bżonn għajnuna b'mod imminenti, ser tammetti s-segwenti bħala spejjes: Powered armchair €1200 (a' fol 171), Electric bed €1500 (a' fol 172), Polyurethane foam mattress €180 (a' fol 173), powerlift stair lift €5850. Għalhekk ai fini ta' telf effettiv il-Qorti waslet għaċ-ċifra ta' tnax-il elf ħames mija u erbgħa u għoxrin punt sitta u disgħin tal-ewro (€12,524.96). Minn dan l-ammont l-Attriċi omm hija intitolata għal sittin fil-mija għar-ragunijiet fuq spjegati li jammonta għal sebat elef ħames mija u erbatax punt tmienja u disgħin tal-ewro (€7,514.98).

**35.** Kwantu jirrigwarda l-*lucrum cessans,* l-Attriċi omm tippresenta problema minħabba l-eta' pjuttost avvanzata tagħha. Qabel xejn hi tirċievi pensjoni li ser tkompli tirċeviha, għalhekk mhux bħal meta ħaddiem iweġġa' fuq ix-xogħol u jitlef l-entrojtu prinċipali tiegħu. L-entrojtu tal-Attriċi omm, li hija l-pensjoni, mhux ser tkun effettwata għaliex ser tibqa' tingħata.

**36.** Illum huwa wkoll stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili*

*Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".* Iġifieri l-Qrati tagħna llum jieħdu bħala kejl l-eta' pensjonabbli u cioe' dik ta' 65. Imma l-Attriċi omm f'din il-kawża ilha li ssorpassat din l-eta', għalhekk dan ifisser li ma għandha tieħu xejn?

**37.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Galea et v. Fenech et, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004,** fejn fir-rigward ta' mara ta' 61 li, qabel l-inċident, kienet attiva fuq xogħol differenti, intuza multiplier differenti. F'din is-Sentenza saret din l-osservazzjoni mill-Qorti talAppell:

"*Certament cirkostanza relevanti li l-qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni hija l-eta` tad-danneggat. Fid-data ta' l-incident l-attrici gia` kellha sittin sena u, ghalkemm ta' dik l-eta` kien jidher li kienet tgawdi sahha li tippermettilha hidma kummercjali, kien mistenni li bl-avvanz tal-eta` dik l-attivita tonqos jew sahansitra tieqaf kompletament.*

*Ghalhekk fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna ta' eta` avvanzata li ma tiddependix ghall-introjtu taghha fuq 'income' fiss bhal per ezempju pensjoni, izda li tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu taghha minn xi attivita` kummercjali qabel l-akkadut, il-qorti ghandha tipprospetta l-probabbilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minhabba l-eta` dejjem tavvanza tad-danneggat. Dan ghaliex dawn id-danni, ghalkemm jithallsu bil-quddiem, qeghdin jigu komputati fuq firxa ta' snin futuri*".

**38.** F'dan ir-rigward Munkman jagħmel osservazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha validita' inkwantu l-vittma kienet azjana u di piu' bi preċedent simili għal dawk mertu tal-Kawża. Anke jekk din l-osservazzjoni hija f'każ ta' mewt dan jgħid li "*unless there is clear evidence in an individual case to support the view that the individual is a typical and will enjoy longer or shorter expectation of life, no further increase or reduction is required for mortality alone* (**Munkman On Damages for Personal Injuries and Death LexisNexis 12$^{th}$ Ed, pg 810**).

**39.** Ovvjament din l-osservazzjoni saret fid-dawl tal-Ogden Tables, segwiti mill-Qrati ingliżi, iżzda din il-Qorti ma tarax għhaliex <u>dawn il-prinċipji</u> ma għandhomx ikunu applikati ukoll għall-istat tal-liġi u Sentenzi lokali fuq il-materja in eżami. Imma skontdin il-Qorti, dejjem jibqa' il-fatt, li għandu kemm għandu żmien il-vittma, tenut kont tal-prinċipju ta' integrita' fiżika u dinjita' umana xi tip ta' kumpens dejjem għandu jkun hemm

għaliex finalment ħadd ma hu għar-rimi. Kumpens pero' li ma jistax jinħadem bl-istess mod bħal meta l-vittma tkun fl-aqwa tagħha jew għandha numru ta' snin mhux ħażin quddiemha sal-eta' pensjonabbli.

**40.** Fil-każ tal-Attriċi omm f'din il-Kawża, mhux ser ikun possibbli stabbilit l-aspettiva tal-ħajja, għalkemm din il-Qorti tawguralha ħajja itwal. Li huwa żgur hu, li skont l-ordni naturali tal-ħajja mara ta' 84 sena żgur mhux ser tgħix daqs persuna li hija ħafna iżgħar fl-eta'.

**41.** Mill-provi jirrisulta li din kienet tgħix waħedha u kif jgħid il-Malti, kienet għadha tfekren. Sa ftit qabel l-inċident kellha fi kliem bintha, *id-delizji* bħal ma huma xogħol tas-suf jew il-ganċ. Xoghol li għalhekk ma kienitx taħdem bi qliegħ. Wara l-inċident l-anqas ma ser tkun tista' toħroġ mill-bieb il-barra. F'din l-eta', kulħadd jipprova jkollu l-aqwa kwalita' tal-ħajja possibbli biex tpatti u tagħmel tajjeb għall-effetti negattivi u inevitabbli li ġġib magħha x-xjuħija. Dawk li jkunu ħadmu ħajjithom kollha jħarsu 'l quddiem li meta jixjieħu jkollhom ħajja ta' kwalita' u mhux miserabbli. Illum l-Attriċi omm qed tgħix ħajja ċertament anqas ta' kwalita' minn dik li kellha qabel l-inċident.

**42.** Għalhekk abbażi tal-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa u rispett lejn l-integrita' tal-persuna, din il-Qorti taħt dan il-Kap ta' danni, b'mod xi ftit *sui generis,* qed tillikwida s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000). F'din is-somma l-Qorti ħadet ukoll kont tal-kontributorjeta' fuq imsemmija.

**43.** Dan ifisser li l-Attriċi omm sofriet b'kollox danni fl-ammont ta' tnax-il elf ħames mija u erbatax punt tmienja u disgħin ewro (€12,514.98).

*<u>Id-danni tal-Attriċi Joanne Darmanin il-bint.</u>*

**44.** Din hija t-tieni kwistjoni li ma tantx hija solita għal dawn il-Qrati, li din il-Qorti irriskontrat fil-Kawża li għandha quddiemha.

**45.** Fir-rigward ta' din l-Attriċi, fit-tieni eċċezzjoni l-konvenut jagħti l-preskrizzjoni ta' sentejn taħt artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*".

**46.** L-inċident seħħ fil-25 ta' Jannar 2016, il-Kawża ġiet intavolata fit-18 ta' Marzu 2019. Saret ittra uffiċjali fl-24 ta' Lulju 2017 minn Mabel Darmanin waħedha. L-Attriċi bint qatt ma għamlet ittra uffiċjali. Ma hemm ebda dubbju l-addebiti li qegħdin isiru lill-konvenut huma klassifikati skont il-Kodiċi Kriminali bħala feriti gravi. Fil-fatt jidher li l-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali u kien ġie lliberat. Is-Sentenza qatt ma ġiet esebita.

**47.** Issa l-artikolu 2154(1) tal-kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni*

*tal-azzjoni kriminali*". Issa skond artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali rejat ta' din ix-xorta huwa punibbli b'piena ta' priġunerija għal żmien mhux żjed minn sena jew multa. Skont artikolu 688 (e) tal-Kodiċi Kriminali il-preskrizzjoni hija ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

**48.** Fis-Sentenza tal-**31 ta' Ottubru, 2007, fl-ismijiet Emmanuele Degiorgio et. -vs- Twanny Moon** jingħad hekk:

"*F'kull kaz, din il-Qorti ma taqbilx li r-regoli interrottivi tal-preskrizzjoni li jinsabu fil-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw ukoll ghal process civili. Meta l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Ciivli jikwalifika l-agir doluz bhala reat ghall-fini tal-preskrizzjoni, jaghmel dan limitatament biex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni, pero`, ir-regoli ghas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' dak iz-zmien jibqghu dawk kontemplati fil-Kodici Civili.*

*Fil-fatt, l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili jinsab fis-sub-titolu li jitratta "Fuq iz-Zmien mehtieg ghall-Preskrizzjoni", u r-regoli li jissospendu jew li jiksru l-preskrizzjoni jinsabu enuncjati fl-artikoli precedenti. Dawn l-artikoli ma jikkontemplawx interruzzjoni b'rizultat tal-process penali, izda jipprovdu regoli precizi u appoziti, u anke b'mod esklussiv, ta' xi jwassal ghall-interuzzjoni (ara bhala rifless fuq dan, id-decizjoni ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza Psaila v. Slabick, deciza fid-9 ta' Frar 2005, u Aquilina noe v. Ellul, deciza mill-indikata Qorti fis-16 ta' Gunju, 1994).*"

**49.** Issa kif rilevat aktar 'l fuq l-unika ittra uffiċjali saret mill-Attriċi Mabel Darmanin u mhux minn Joanne Darmanin. Li kieku Mabel Darmanin talbet ukoll id-danni għal kura li inkorriet hi kienet tkun differenti minn dak li qed titlob Joanne Darmanin għaliex din qed titlob de propio dan li soffriet hi u mhux l-Attriċi l-oħra. Għalhekk huwa ċar li l-azzjoni għad-danni ta' Joanne Darmanin hija estinta bil-preskrizzjoni ta' sentejn.

**50.** B'dana kollu din il-Qorti xorta ser tindirizza t-talbiet tal-Attriċi bint għaliex jixraq li jiġu enunċjati l-prinċipji meta d-danni jintalbu minn qarib tal-vittma.

**51.** Fil-każ tal-Attriċi Joanne Darmanin, kif tippremetti fir-rikors ġuramentat, li b'konsegwenza tal-inċident, ommha saret dipendenti għal kollox fuqha tant li kellha titlaq mill-impieg. Għalhekk ġiet li sofriet id-danni. Bħala prova ta' danni presentat l-FS3s tagħha (ara ukoll ittra legali a' fol 111). Fil-fatt fis-7 ta' Frar 2016 talbet sena *unpaid responsibility leave*. Iżda sal-lum għadha ma rritornatx għax-xogħol u għadha *b'unpaid responsibility leave*. Di fatti tixhed hekk:

"*Jien kelli karriera u xoghol li hdimt u studjat hafna ghalih. Meta sehh l-incident jien kont Accrediation Coordinator mal-Paying Agency (Salary Scale 7). Dan wara li kont ghaddejt mill-interviews u b'hekk kont fuq kuntratt ta' tlett snin. Qabel dan jien kont f'Substantive Grade 9 ta' Principal. Fit-23 ta' Marzu 2018, il-kuntratt ta' tlett snin skada u ghalhekk*

*jiena ergajt irritornajt ghal grad ta' Principal. Dan minhabba il-fatt li jien ma kellix il-possibilita' li nerga ngedded jew napplika f'posizzjoni ohra ta' Scale 7 jew ohrajn ahjar. Matul dan il-perjodu li ili bl-unpaid responsibility leave, mhux biss kelli telf finanzjarju, izda ukoll telf ta' possibiltajiet sabiex navvanza fil-karriera tieghi. Barra minn hekk ghadni kif gejt infurmata illi minhabba li jien qeghda bl-unpaid responsability leave il-Ftehim dwar il-Klassifikazzjoni, l-Assimilazzjoni u r-Ristrutturar tal-gradi fis-Servizz Generali tieghi ma giex approvat. Dan ifisser illi bhala Principal is-salarju tieghi mhuwiex ha jigi mizjud ghal Skala 8 minn dak prezenti fi Skala 9. Dan huwa telf iehor ta' progress u avvanz fil-karriera u dak ukoll finanzjarju.*"

**52.** Minħabba dan il-fatt l-Attriċi jidher li qed titlob l-ammont ta' ħamsa u tmenin elf u għaxar ewro u tmintax il-ċenteżmu (ara statement a' fol 165 ara ukoll a' fol 334). Apparti dan trid, li tiġi likwidata somma oħra għaliex ommha ser ikollha bżonnn *carer* għal bqija ta' ħajjitha. Il-Qorti pero' tfakkar fil-waqt li l-perit psikjatra tal-Qorti **Dr. Joseph Cassar** sab li ommha qed issofri minn 20% diżabilita' (a' fol 582), fil-waqt li t-tobba l-oħra, l-ortopediku Dr. Frederick Zammit Maempel u Dr Josianne Aquilina newrologa, maħtura mill-Qorti ma sabu ebda diżabilita' permanenti, la minn aspett newroloġiku u l-anqas ortopediku <u>bħala risultat tal-allegat inċident</u> ta' Jannar 2016 (a' fol 610 u 611). Iġifieri l-unika kura effettiva li għandha bżonn l-omm hija dik psikjatrika. Dwar ir-referenza għal *speech defect* tal-omm, l-esperti maħtura minn din il-Qorti, minkejja li saret emfażi

fuq dan l-aspett minn Joanne Darmanin,  dawn kienu ċari fuq dan il-punt meta qalu hekk:

"*Mill-istorja mehuda minn Mrs Darmanin jidher li minn qabel l-allegat incident kienet bdiet problema bid-diskors ta' temtim u tlaqlieq.  Fl-allegat incident ma kien hemm evidenza ta' trawma fir-ras mill-istorja tad-dokumenti tal-isptar.  Il-kondizzjoni newrologika presenti ta' Mrs Mabel Darmanin tirrizulta minn marda newrodigenerattiva wisq probbabli ta' cortocobasal degeneration (cbd) jew progressive suoranuclear palsy (PSP) u ma insibu ebda dizabilita' newrologika bhala risultat tal-allegat incident ta' Jannar 2006"* (fol 616).

**53.** Dwar il-kwistjoni ta' spejjes ta' kura, l-awturi jgħallmu li "*Recovery can be made only in respect of those expenses that are reasonable:  If claimant has chosen private care by a particular provider which is more expensive than is available elsewhere within the private sector, the expense may be unreasonable even though the treatment itself may be reasonable. The claimant will bear the burden of proving the more expensive treatment was reasonable"* (**Munkman ibid pg, 112**).

**54.** Il-parti ċitata tirreferi għal meta l-vittma tagħmel l-għażla tal-kura. F'dan il-każ l-għażla kienet waħda tal-familjari u tal-Attriċi bint.  Dwar għażliet oħra ta' kura li seta' jkollha l-omm waqt il-kontro-eżami tal-Attriċi kien ħareg hekk:

*“**Qorti**: …. Qatt ikkonsidrajtu forsi tigi rikoverata fi sptar tal-Gvern?*

***Xhud**: no*

***Qorti**: Ma ikkonsidrajtux?*

***Xhud**: No*

***Qorti**: U l-anqas go sptar mhux bil-fors San Vincenz ghx z il-Gvern ghandi skemi ohrajn , Qatt applikajtu?*

***Xhud:** Nista’ nghid xi haga sur Imahllef?*

***Qorti:** mela Le ghidli.*

***Xhud:** Il-mummy hadet hsiebna. Id-daddy miet meta kelli 14-il sena jiena. Ma bghatit niex orfanatrofju , rabbietni*.” (a’ fol 596).

**55.** Għal din il-Qorti ma jfissirx li l-fatt waħdu li l-vittma nżammet id-dar biex tieħu kura allura ma għandhiex dritt titlob kumpens għaliex il-Gvern jipprovdi għal kura. Pero’ xorta jrid ikun ipprovat, li li kieku tiġi rikoverata f’dar tal-gvern għall-anzjani, il-kura li ser tingħata hemm ma kienitx tkun waħda idoneja minn aspett ta’ kura fiċ-ċirkostanzi ta’ ommha.

**56.** Imma f’dan ir-rigward ma inġabet ebda prova li dan huwa l-każ. L-uniku prova li nġabet hi, li aprioristikament, l-Attriċi bint kienet deċiża li żżomm magħha lil ommha biex ma jkun jonqosha xejn minħabba raġunijiet sentimentali għal mod kif ommha rabbietha. Din hija ħaġa nobbli u sabiħa, iżda minn naħa l-oħra ma jfissirx biex jiġri hekk, l-ispiża ta’ din l-għażla ta’ waħda mill-familjari għandu jbatiha ħadd ieħor. Il-bint għażlet li titlaq mix-xogħol qabel ma indagat x’tip ta’ kura tista’ tingħata

bis-servizzi bla ħlas li jagħti l-Istat. L-Attrici bint trid tiddeċiedi, jekk dak li qed tagħmel ma' ommha hux bi ħlas jew *ex-familiaritis et pietatis causa*. Jekk tal-ewwel, allura għandha tindirizza t-talbiet tagħha lill-eventwali eredi, iżda żgur mhux kontra t-terz, li ser ikollu jagħmel tajjeb għall-għażla bi ħlas, li fiċ-ċirkostanzi setgħu ikunu evitati.

**57.** Il-Qorti qed tagħmel dawn l-osservazzjonijiet b'rammariku. Għal darba oħra l-Qorti trid tirrileva, li f'ċirkostanzi simili trid tinżamm distinzjoni bejn, meta l-vittma tkun qed titlob fost id-danni, spejjes li jkunu inkorrew membri tal-familja, jew meta l-membru tal-familja li qed joffri l-kura ikun qiegħed jitlob id-danni de propio. L-aħħar każ huwa dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

**58.** F'każijiet bħal dawn, ħafna drabi ta' inċidenti stradali, meta l-Attur hija l-persuna li qed tieħu kura tal-vittma huwa prudenti li tinżamm din id-distinzjoni. La l-vittma ma għandha obbligu li titlob lill-membri tal-familja jikkurawha u l-anqas il-membri tal-familja ma għandhom l-obbligu li jipprovdu din il-kura ħlief f'każijiet ristrettissimi. Li tirrispetta lill-ġenituri ma jfissirx li l-ulied għandhom jissagrifikaw kollox għalihom sakemm ma jkunx hemm mod ieħor. Ir-rispett li tara li fejn ikunu l-ġenituri tiegħek ma jkun jonqoshom xejn, jista' jkun prattikat anke meta jkunu f'dar ta' kura, bħal dawk li għandu l-Istat.

**59.** Huwa minnu li artikolu 8 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li "*L-ulied għandhom id-dmir li jagħtu l-manteniment lill-ġenituri tagħhom jew*

*axxendenti oħra, li jkunu fil-bżonn*" u 19.(1) jipprovdi d-definizzjoni ta' manteniment li fiha tinkludi s-saħħa "*Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni".* Imma din il-Qorti temmen, li dawn l-artikoli jridu jinqraw fil-kuntest taż-żminijiet meta l-istat ma kienx jipprovdi ebda kura rejali għall-anzjani u allura kien ikun hemm dipendenza totali fuq l-ulied u li jispjega għalfejn qabel familja kienet tkun aktar numeruża minn dawk tal-lum. Fi żminijiet tal-lum dan l-obbligu jista' jkun li jiskatta jekk il-kura li jipprovdi l-isptar ma tkunx tajba jew idoneja fil-każ ta' anzjan, prova li kif ingħad, ma nġabitx. Għalhekk "*The claimant cannot recover for losses which he ought to have avoided …. The claimant cannot recover for losses he has avoided …. The claimant cannot recover for loss which he has avoided*" (**Munkan ibid).**

**60.** Għalhekk il-Qorti mhux ser tkun qed tilqa' it-talbiet tal-Attriċi bint kemm għaliex huma preskritti kif ukoll għaliex fil-mertu ma għandhiex raġun.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** pero' limitatament stante li jaħti għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri fil-proporzjoni ta' sittin fil-mija (60%).

**Tilqa’ it-tieni u t-tielet talbiet Attrici** fil-konfront ta’ Mabel Darmanin u dan fid-dawl tal-proporzjoni imsemmi fl-ewwel talba u pero’ **tiċħadha** fit-totalita’ tagħha fil-konfront tal-Attriċi Joanne Darmanin.

**Tilqa’ r-raba’ talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti minn Mabel Darmanin fis-somma ta’ **tnax-il elf ħames mija u erbatax punt tmienja u disgħin ewro (€12,514.98)**.

**Tilqa’ il-ħames talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attrici Mabel Darmanin id-danni likwidati bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża dawk tal-Attriċi Mabel Darmanin a’ karigu tal-konvenut u dawk ta’ Joanne Darminin għandhom ikunu sopportati minnha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**